KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

30 t'April 2012

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Il-Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana nzammet **nhar it-Tnejn 30 ta' April 2012 fis-6.15pm.** L-agenda ghal din il-laqgha kienet din :-

1. Approvazzjoni tal-Financial Statements

Ghal-Laqgha Straordinarja tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **s-Sindku Davina Sammut Hili, il-Vici-Sindku Vincent Borg u l-kunsilliera Matthew Paris u Nigel Holland flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Is-Sur Anthony Brincat talab li jkun skuzat minhabba ragunijiet ta'sahha.**

**Bidu tal-laqgha:**

Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Davina Sammut Hili.

## 1. Approvazzjoni tal-Financial Statements

1.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv jiftah il-materja.

1.2 Is-Segretarju Ezekuttiv beda billi qal li l-Accountant tal-Kunsill is-Sur Paul Bugeja ma setax jattendi ghal din il-laqgha minhabba li kellu impenji ohra.

1.3 Is-Segretarju Ezekuttiv informa ukoll lil id-Dipartiment tal-Gvern Lokali irreveda il-multa li wehel il-Kunsill Lokali minhabba li dahhal il-financial statements tard

1.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jerga jikkontesta d-decizjoni mehuda s-sena l-ohra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali meta l-Kunsill kien gie mmultat talli kien issottometta l-Accounts tard, minhabba li l-Kunsill ihoss li din il-multa inghatat intortament u li dan kien tort tal-Awditur imqabbad mill-Gvern stess.

1.5 Is-Segretarju Ezekuttiv kompla billi qara l-rapport mibghut mill-Accountant tal-Kunsill fejn hu ghadda il-kummenti tieghu.

1.6 Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar lill-Kunsill f'uhud mill-proposti li l-Accountant kien issuggerixxa f'laqgha precedenti, fosthom li l-Kunsill jinkariga lill-Avukat tal-Kunsill jibghat ittra legali lil dawk is-sidien ta' vetturi li kellhom kontravvenzjonijiet pendenti mal-Kunsill Lokali Floriana. Dan minhabba li l-ammonti ta *bad-debts* kienu kbar konsiderevolment

1.7 Il-Kunsillier Matthew Paris talab lis-Segretarju Ezekuttiv jaghti l-opinjoni tieghu, anke fuq l-accountant. Is-Segretarju Ezekuttiv irrimarka li il-Kunsill ghandu pedimenti finanzjarji sodi, madankollu, irid jahdem hafna iktar bil-ghaqal issa li naqas id-dhul tac-citazzjonijiet. Fir-rigward tal-adgustamenti tal-Awditur, huma adgustamenti validi. Kien hemm kemm numru ta nuqqasijiet li ser jigu diskussi mal-acountant.

Is-Sindku Davina Sammut Hili stiednet lill-Kunsilliera jiehdu vot fuq l-approvazzjoni tal-Financial Statements.

1.8 Il-Kunsillier Matthew Paris iddikjara li hu kien ser jastjeni mill-vot minhabba li ma jhossx li jista' japprova *statements* ta' perjodi fejn hu ma kienx elett u anke minhabba li ma kellux fiducja shiha fl-Accountant minhabba l-ammont ta' revizjonijiet li kienu saru.

**Nota: 18:50 Il-Kunsillier Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

1.9 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet mozzjoni sabiex jigu approvati l-Estimi Finanzjarji a bazi li dak li hemm fl-ittra huwa korrett, issekondata mill-Vici-Sindku Vincent Borg, bir-rizultat kien:

Favur: 3 (DSH, VB, NH)
Kontra: 0

Il-laqgha ntemmet fis-18.55.

| | |
|---|---|
| Davina Sammut Hili | Svetlick J. Flores |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |